MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 494/2002

**Indoor Creations Ltd**

**vs**

**Adrian Borg esercitanti l-kummerc f'isem id-ditta Mystic Interiors**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut noe ghall-hlas tas-somma ta' elf u sitt mija u sittin lira maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1660.84) dovuta lis-socjeta' attrici rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh fuq struzzjonjiet tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Legali datata 25 ta' Lulju 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-istess konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-istess konvenut naqas u ma deherx fis-7 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita tieghu premessa sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1660.84,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Awissu 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-25 ta' Lulju 2002.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur